MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 134/2011

**Middlesea Insurance plc C 5553 kif surrogata fid-dritt tal-assikurat taghha Simon Gatt Baldacchino ghan-nom ta' United Garage Limited u Laferla Insurance Agency Ltd (C 14529) bhala agenti ta' Middlesea Insurance plc u l-istess Simon Gatt Baldacchino propio et nomine u Jonathan Zahra**

**vs**

**Emanuela sive Lilian Mifsud ID 015448 M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Frar 2011, fejn intalab li l- konvenuta tigi kkundannata ihallas lis-socjeta' attrici fil-kwalita' premessa u lil Simon Gatt Baldacchino noe u Jonathan Zahra is-somma ta' seba' mija, tnejn u sittin Ewro u tmintax-il centezmu (€762.18c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici fil-kwalita' premessa u lil Simon Gatt Baldacchino noe u Jonathan Zahra sabiex l-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2011, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici fil-kwalita' premessa u lil Simon Gatt Baldacchino noe u Jonathan Zahra tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' seba' mija, tnejn u sittin Ewro u tmintax-il centezmu (€762.18c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------